# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 37**

**Citaz. numru 307/93 GV**

**Anthony Montebello f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' A. Montebello Limited.**

**vs**

**Joseph Debattista, Alfred Debattista, Charles Debattista u Paul Debattista.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur proprio et nomine ipproceda kontra l-konvenuti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'dan l-att tac-citazzjoni :-

> "L-attur nomine ppremetta illi permezz ta' kuntratt tat-tletin (30) ta' Marzu, 1988, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, kopja ta' liema giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dokument A, il-konvenuti kienu trasferew lill-atturi nomine 79, 999 azzjoni

ordinarja u lill-attur proprio azzjoni wahda ordinarja fis-socjeta' Concrete Mix Limited u dan taht dawk it-termini u kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet kontenuti fl-imsemmi kuntratt;

Premess illi fost il-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet kontenuti fil-kuntratt (Dokument A) u marbutin mat-trasferiment tal-azzjonijiet fuq imsemmija hemm dawk : (1) illi l-konvenuti kellhom ihallsu l-ammonti kollha dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-perjodi qabel it-trasferiment ; u (2) illi ma kienux jezistu fatti u/jew cirkostanzi relatati mal-kumpanija Concrete Mix Limited li kieku kienu maghrufa mill-attur proprio et nomine kienu jinfluwenzawh fid-decizjoni tieghu ghax-xiri tal-azzjonijiet;

Premess illi sallum l-ammonti dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mis-socjeta' Concrete Mix Limited ghall-perjodi ta' qabel it-trasferiment ghadhom ma thallsux mill-konvenuti u dan bi ksur tal-obbligazzjoni kontrattwali assunta minnhom;

Premess illi l-attur proprio et nomine skopra illi kien hemm problemi serji f'dik li hija licenzja kummercjali (trade licence) peress illi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fl-ghoti ta' dina l-licenzja u specifikatament il-kostruzzjoni ta' recint (boundary wall) ma kienitx sodisfatta biex b'hekk l-attur gie assoggettat ghall-proceduri kriminali barra danni ohra mirati lejn l-otteniment ta' dina l-licenzja tant importanti ghall-attwista tal-kumpanija Concrete Mix Limited;

Premess illi dawn in-nuqqasijiet u dan il-ksur ta' kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet kontrattwali kommessi mill-konvenuti kkawzaw lill-attur proprio et nomine danni kemm kontrattwali u kemm delittwali u dan kif jigi ippruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-attur proprio et nomine talab li din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tikkundanna lill-konvenuti bhala li huma responsabbli ghall-ksur ta' kundizzjonijiet imposti u obbligazzjonijiet assunti fil-kuntratt tat-tletin (30) ta' Marzu 1988, u specifikatament li ma thallsux dawk l-ammonti konsistenti f'taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dovuti ghall-perjodi ta' qabel it-trasferiment tal-azzjonijiet mal-kumpanija, li una volta svelata setghet tinfluwenza d-decizjoni tal-attur proprio et nomine dwar ix-xiri tal-azzjonijiet.

2. Tillikwida dawk id-danni kontrattwali u delittwali kkawzati b'rizultat ta' dan il-ksur u ta' dawn in-nuqqasijiet anke permezz tal-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundannhom ihallsu d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti hekk eccipew ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi fl-ewwel lok ma hemm ebda ksur tal-obbligi kontrattwali assunti ghar-rigward il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan ghax anki li kieku l-attur kellu jispecifika ghal liema snin qieghed jirreferi dawn huma regolati mill-imsemmi kuntratt ai termini tal-artikoli 3e u 3r.

2. Illi fit-tieni lok il-permessi pertinenti mal-Kummissarju tal-Pulizija thallsu minghajr ebda problema kif jirrizulta mill-annessi ricevuti (Dokument GH u DF).

3. Illi fit-tielet lok ma kien hemm ebda fatt jew cirkostanza li kienu jafu biha u li ma gietx mgharrfa lill-attur."

**DECIDE**

B'sentenza tat-28 ta' Mejju 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi prevja li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"**Kontestazzjoni**

F'dina l-kawza l-attur qed jitlob danni minghand il-konvenuti billi wara li kien xtara minghandhom is-shares tas-socjeta' Concrete Mix Limited hu sab li kontra ghal dak li kienu ftehmu l-konvenuti kellhom pendenti mad-Dipartiment tat-Taxxa returns ghal taxxa dovuta qabel it-trasferiment tas-shares u fit-tieni lok huma hbew fatti mill-attur li minhabba f'hekk hu ma setghax jottjeni l-licenzja fuq ismu ghall-fabbrika.

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-attur ghamel dina l-kawza biex ma jhalliex lill-konvenuti jesegwixxi t-titolu esekuttiv taghhom li ghandhom kontra tieghu ghal somma ta' 'l fuq minn Lm30,000 u biex iwaqqaf is-subbasta li l-konvenuti ghamlu kontra tieghu.

**Konsiderazzjonijiet**

Dwar arretrati ta' taxxa li suppost hija dovuta mill-konvenuti, ma jirrizultax li ngabu xi prova li fil-fatt il-konvenuti ghandhom jaghtu lid-Dipartiment, imma anke kieku, jekk lill-attur jirrizultalu li hemm xi kont pendenti mad-Dipartiment tat-Taxxa u li huwa dovut mill-konvenuti, l-attur dejjem jista' jnaqqas dana l-ammont mill-ammont li hu ghandu jaghti lill-konvenuti ghat-trasferiment tas-shares. Ma hemm ebda danni li l-attur jista' jsofri minhabba dan l-allegat nuqqas tal-konvenuti. Il-kwistjoni hija inoltre regolata bl-artikoli 3e u 3r tal-kuntratt tat-tletin (30) ta' Marzu 1988.

Dwar il-kwistjoni tal-licenzja li l-attur ma nghatax mill-Pulizija jirrizulta mill-provi prodotti li sakemm il-fabbrika kienet f'idejn Debattista dawn dejjem hallsu u kellhom licenzja tal-Pulizija u meta l-attur xtara s-shares minghandhom, kien hemm licenzja vigenti.

Dwar il-kondizzjoni fil-licenzja ta' Debattista li "the factory should bie surrounded by a boundary wall at least 4 meters high" (ara fol 161) din dehret l-ewwel darba fil-licenzja tal-1988. Fil-fatt l-Ispettur B. Mula xehed li fl-erbgha (4) ta' Lulju 1988 kien baghat ghal Debattista u ghal Montebello (ara fol 163) u hemm minuta fil-file li "Both licensee and the person who intends to take over this batching plant, Anthony Montebello of Mosta were spoken to by the undersigned and infact they stated to have been repairing the concrete pinions and slabs like those used at Ta' Qali to erect the necessary boundary wall".

Dina l-kondizzjoni tpoggiet fil-licenzja li kellu Debattista fl-1988. Fil-licenzji ta' qabel Debattista ma kellux kondizzjoni simili, ghalhekk hu ma heba xejn minn Montebello. Il-Pulizija imponew

> dika l-kondizzjoni meta saru jafu li Montebello kien se jiehu l-plant u nfurmawh bil-kondizzjoni li kienu se jinsistu li tidhol fil-licenzja.
>
> Anke jekk kien hemm din il-kondizzjoni fil-licenzja qabel l-1988 (kif qed jinsinwa l-attur) xorta wahda hu kien jaf jew messu kien jaf b'dina l-kondizzjoni fil-licenzja billi huwa kien ghamel il-verifiki kollha qabel xtara s-shares. Il-licenzja ghal batching plant kienet forsi l-aktar haga importanti li hu kellu jivverifika qabel jixtri. Il-konvenuti ma hbewlu xejn.
>
> Wara l-1988 il-licenzja baqghet ma hargitx lil Montebello billi huwa naqas li jottempra ruhhu mat-tibdiliet li talbuh li jaghmel l-Awtoritajiet u l-kondizzjonijiet imposti. (Ara wkoll ix-xhieda ta' E. Cachia a fol 152 fejn qal li fl-1987 (meta l-plant kienet f'idejn Debattista) id-Dipartiment ma kellux objection)."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

L-aggravju tal-appellant hu marbut mal-premessi fl-att tac-citazzjoni, preordinati ghat-talba tieghu li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti appellati, bhala li huma responsabbli ghall-ksur ta' kundizzjonijiet imposti u obbligazzjonijiet assunti minnhom fil-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1988, liema inadempjenza tat lok ghal danni kontrattwali u delittwali li qed jitlob lill-Qorti biex tillikwida. Dawn in-nuqqasijiet jirrigwardaw in-nuqqas ta' hlas tat-taxxa ghad-dhul ghall-perjodi ta' qabel it-trasferiment tal-ishma u l-ezistenza ta' fatti jew cirkostanzi relatati mal-kumpanija Concrete Mix Limited li ma kienux gew mgharrfa lill-appellant proprio et nomine u li, kieku kien maghrufa minnu, setghu jinfluwenzaw fid-decizjoni tieghu ghax-xiri tal-azzjonijiet.

L-appellant jittratta kull aspett ta' dan l-aggravju separatament u hekk ser taghmel din il-Qorti. Sewwa li jinghad ukoll, anke f'dan l-istadju preliminari, illi, fil-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, kienet gusta l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li l-ebda wiehed minn dawn iz-zewg ilmenti ma rrizulta sostnut mill-provi u bl-ebda mod ma seta' jinghad illi l-appellant proprio et nomine kien irnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-konvenuti kienu hatja ta' xi inadempjenza kontrattwali li setghet taghti lok ghad-danni reklamati fil-prezenti azzjoni.

**<u>A IL-KWISTJONI DWAR IT-TAXXA</u>**

L-appellant qed jippretendi illi kuntrarjament ghal dak illi rriteniet l-ewwel Qorti, kienu ngiebu provi illi d-Dipartiment tat-Taxxi Interni kellu claim fil-konfront tas-socjeta' Concrete Mix Limited. Huwa jsostni illi dik il-prova kienet tirrizulta minn ittri li kien ircieva mibghuta mill-istess Kummissarju lis-socjeta' Concrete Mix Limited, sabiex din thallas arretrati ta' PAYE u arretrati ta' taxxa dovuti.

L-appellati jikkontestaw illi s-socjeta' Concrete Mix Limited kellha xi debitu favur il-Kummissarju tat-Taxxi Interni pero' f'kull kaz mhumiex qeghdin jichdu r-responsabbilita' taghhom sa fejn din tohrog mill-kuntratt tat-trasferiment tal-ishma tat-30 ta' Marzu 1988. Dan ifisser li anke jekk jigi koncess ghall-grazzja tal-argument illi verament kien hemm kreditu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li ghall-pagament

tieghu assumew ir-responsabbilita' l-konvenuti, dawn bl-ebda mod ma huma qeghdin jichdu tali responsabbilita'. Qeghdin anzi jissottomettu illi anki kieku kellu ghall-grazzja tal-argument jigi koncess li din kienet ir-rejalta', dan bl-ebda mod ma kien jammonta ghal inadempjenza kontrattwali da parti taghhom. Kien ifisser biss illi huma kienu jkunu obbligati skond il-kuntratt li ghamlu tajjeb ghal dak l-ammont. Sa fejn ir-responsabbilita' taghhom kienet tirrizulta mill-vincolo kontrattwali huma mhux biss kienu preparati li jassumuha pjenament imma kienu jippretendu illi l-appellant kien ikollu kull dritt illi inaqqas l-ammont ta' taxxa mill-bilanc li kien ghadu minnu dovut lill-konvenuti skond l-istess kuntratt. In-nuqqas ta' hlas ta' kont ta' taxxa, li fl-ahhar mill-ahhar dwaru ma tirrizulta l-ebda prova certa li kien gie definittivament likwidat mill-Kummissarju, li kien minnu pretiz jew li kien lilu dovut, certament, taht l-ebda cirkostanza ma seta' jitqies li jammonta ghal inadempjenza kontrattwali. Tali inadempjenza setghet se mai tavvera ruhha biss jekk u meta jigi definittivament provat li xi ammont ta' taxxa kien dovut lill-Kummissarju, li tali ammont kellu, skond il-kuntratt, jigi mhallas mill-appellati, li dawn kienu gew interpellati biex hekk jaghmlu u li kienu naqsu milli hekk jaghmlu fiz-zmien lilhom moghti. Altrimenti la seta' wiehed jitkellem minn inadempjenza kontrattwali u wisq anqas minn danni kontrattwali jew delittwuzi konsegwenzjali ghal tali inadempjenza.

Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint bhala insostennibbli fil-ligi u f'kull kaz bhala bazat unikament fuq ipotesi li m'avveratx ruhha

nonostante li skond il-prova prodotta mill-istess appellant, kull taxxa li setghet se mai tkun pretiza mid-Dipartiment kienet tirrisali ghas-snin bejn in-1976 u n-1988. Il-prova prodotta bl-ebda mod ma tindika li kien hemm xi ammont ta' taxxa dovuta. Kienet biss tirrikjama l-attenzjoni tas-socjeta' Concrete Mix Limited ghall-fatt li xi returns ma kienux intbaghtu u ghall-opportunita' li jsir ftehim mad-Dipartiment fir-rigward tal-profitti tal-kumpanija ghal certi snin. Fin-nuqqas ta' din il-prova certa dwar l-allegat dejn favur il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema prova kienet tispetta lill-attur appellant, din il-premessa tieghu ghat-talba fl-att tac-citazzjoni li tirrizulta manifestament mhux provata.

## B. <u>IL-KWISTJONI DWAR IL-LICENZJA</u>

L-appellant proprio et nomine jissottometti wkoll illi waqt li kienu ghaddejjin in-negozjati dwar ix-xiri tas-socjeta' Concrete Mix Limited, hu ma kienx konxju li kien hemm il-kondizzjoni imposta fil-licenzja li kellu jinbena hajt limitrofu gholi erba' metri. Din il-kundizzjoni tpoggiet fil-licenzja mahruga mill-Pulizija u hi datata 31 ta' Marzu 1988 meta l-kuntratt ta' xiri kien sar fit-30 ta' Marzu 1988. Dan ifisser li ma kienx minnu jew almenu ma giex provat li l-appellant kien jaf b'din il-kondizzjoni.

Inoltre l-appell jissottometti li diversi dipartimenti ohra, kif appena gew trasferiti s-shares minghand l-appellati ghal ghand l-appellanti, bdew

jaqalghu oggezzjonijiet li jostakolaw it-trasferiment u l-hrug tal-licenzja. Jidher li kien hemm hafna nuqqasijiet li l-appellati Debattista jew l-awtur taghhom kienu jafu bihom u ma nfurmawx lill-appellant proprio et nomine. Deficjenzi illi kienu tax-xorta li bilfors kienu a konoxxenza tal-appellati u dawn hbewhom mill-appellant proprio et nomine fil-mument tal-kuntratt. Anke hawn pero' l-aggravju tal-appellant ma jirrizultax sostnut mill-provi.

Ghall-kuntrarju, l-istess aggravju, jizmentixxi l-pretensjonijiet tal-appellant. Hekk per ezempju fir-rigward tal-hajt li l-Pulizija bdiet tezigi li kellu jinbena biex jirrecinta l-batching plant, hu ammess mill-istess appellant illi tali kondizzjoni kienet giet introdotta l-ewwel darba fil-1988 wara li kien sar it-trasferiment tal-ishma. Jirrizulta li l-istess appellant kien qabel mal-Pulizija li dan il-hajt kellu jsir. Certament il-fatt li l-awtoritajiet dehrilhom illi f'certu zmien kellhom jimponu din il-kundizzjoni u ohrajn ghall-ghoti jew rinovar tal-licenzja, bl-ebda mod ma jfisser illi tali kondizzjonijiet godda kienu maghrufa lill-appellati jew li dawn kienu qarrqu l-appellant, billi ma nfurmawhx bl-ezistenza ta' tali kondizzjonijiet. Gustament l-ewwel Qorti osservat illi l-appellant, qua kompratur, kellu kull interess li jivverifika mhux biss x'kienu l-kondizzjonijiet tal-licenzja fil-mument meta kien ser jakkwista l-ishma imma wkoll jekk kienx hemm il-hsieb illi tali kondizzjonijiet jinbidlu mill-awtoritajiet kompetenti proprju in vista tat-trasferiment prospettat. Hu infatti maghruf illi meta jkun ser isir trasferiment ta' negozju ta'

kwalunkwe xorta, l-prattika amministrattiva hi illi c-cirkostanzi kollha relativi ghal dik il-licenzja jigu konsiderati mill-gdid. Effettivament il-“file” jigi cirkulat mad-diversi Dipartimenti u dikasteri biex l-applikazzjoni tigi processata tista’ tghid bhala talba gdida ghall-hrug tal-licenzja. Wiehed kien jistenna illi t-trapass taz-zmien, l-esigenzi tad-diversi Dipartimenti u awtoritajiet isiru aktar iebsin in tutela ta’ diversi interessi u htigijiet socjali.

Dan kollu l-appellant proprio et nomine kellu kull interess li jaccerta ruhu minnu qabel ma jikkonkludi n-negozju. Jekk dan m’ghamlux seta’ biss ilum lilu nnifsu. Certament pero’ ma setax jaddebita mala fede lill-konvenuti appellati una volta minn imkien ma jirrizulta provat illi dak li kien gie mill-awtoritajiet mitlub li jissodisfa bhala kundizzjoni ghall-hrug tal-licenzja favur tieghu, ma kienx minn qabel maghruf lill-appellati u li dawn b’mod qarrieqi naqsu li jizvelawh lill-appellant fil-mument tat-trasferiment tal-ishma. Bizzejjed jinghad illi l-kondizzjonijiet kollha li ghalihom irrefera l-appellant proprio et nomine u li fil-fehma tieghu kienu arrekawlu danni kontrattwali jew delittuzi kienu jirreferu ghal cirkostanzi li nqalghu wara li ffirma dan il-ftehim u mhux qabel. Anke jekk biss ghal din ir-raguni l-aggravju tal-appellant proprio et nomine bazat fuq dan l-ilment jirrizulta wkoll ingustifikat.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur proprio et nomine appellant.

Dep/Reg

mg